MALTA

**QORTI** KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**

**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Numru 8/2013

Ir-**Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Jeffrey Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-att t' akkuza numru tmienja (8) tal-elfejn u tlettax (2013) maħruġa fil-konfront tal-akkużat, Jeffrey Zammit, detentur tal-karta tal-identità bin-numru:

Wara li l-avukat ġenerali fl-ewwel kap ippremetta:-

1. Illi f'dawn il-Gżejjer Maltin, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġimgħat ta' qabel, l-akkużat Jeffrey Zammit (aktar l-isfel magħruf bħala l-"akkużat") iddeċieda li **jassoċja ruħu ma' nies oħrajn sabiex jittraffika l-mediċina psikotropika u ristretta 1-(3-chlorophenyl)piperazine magħrufa bħala mCPP, (hawn aktar l-isfel magħrufa bħala droga "ecstasy" jew "mCPP" skont il-każ).**

Illi f'dan iż-żmien aktar il-fuq imsemmi, ċertu Robert Cilia u l-akkużat kienu ħbieb u kienu wkoll joħorġu flimkien mal-partners nisa tagħhom. Robert Cilia kien xtara madwar elf (1000) pillola tal-mediċina psikotropika mCPP, komunement magħrufa wkoll bħala droga "ecstasy" (hawn aktar l-isfel magħrufa bħala l-"ecstasy") mingħand persuna ta' nazzjonalita barranija u għalihom kien ħallas Lira Maltija (Lm1) (ekwivalenti għal żewġ ewro tnejn u tletin ċenteżmu u disa' (€2.329)) għal kull pillola.

Sussegwentement Robert Cilia u l-akkużat kienu ftehmu u qablu li dawn il-pilloli ecstasy kellhom jinbiegħu lil terzi persuni. Il-ftehim kien jikkonsisti filli Jeffrey Zammit kellu jsib persuna li tkun trid tixtri dawn il-pilloli bi prezz ogħla minn dak li kien ħallas għalihom Robert Cilia. Fil-jum stabbilit Robert Cilia u Jeffrey Zammit kellhom jiltaqgħu flimkien billi Robert Cilia jġorr u jittrasporta miegħu u fil-karozza misjuqa minnu il-borża bil-pilloli ecstasy fiha, jiltaqgħu flimkien f'post partikolari li kellu jiġi stabbilit aktar tard u minn hemm Robert Cilia kellu jsuq lejn destinazzjoni li kellha tiġi prefissa aktar il-quddiem, fejn Jeffrey Zammit kellu jiltaqgħa ma din il-persuna li riedet tixtri dawn il-pilloli ecstasy u hemmhekk issir il-konsenja ta' dawn il-pilloli ecstasy lil din il-persuna. Wara li Jeffrey Zammit ikun ikkonsenjahom, provdihom u ddistribwihom lil din il-persuna u huwa jkun irċieva l-flus rappreżentanti l-prezz ta' dawn il-pilloli mingħand din il-persuna, Jeffrey Zammit kellu jħallas lil Robert Cilia somma flus rappreżentanti s-sehem ta' Robert Cilia minn dan in-negozju ta' bejgħ ta' pilloli ecstasy, filwaqt li Jeffrey Zammit kellu jżomm il-kumplament tal-prezz imħallas lilu u magħmul minn dan il-bejgħ tal-pilloli ecstasy għalih bħala sehemu mill-istess qliegħ tan-negozju tad-droga ecstasy hawn fuq imsemmija.

Fil-fatt kien nhar il-25 ta' Mejju 2008 fejn għal xil-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu, l-akkużat ċempel lil Robert Cilia u qallu li kien sab il-bejgħ ta' dawn il-pilloli ecstasy lil persuna li kien jaf l-akkużat u ftehmu li kellhom jiltaqgħu ħdejn is-Salib tal-Marsa, fejn Robert Cilia kellu jgħaddi għalih bil-karozza misjuqa minnu u li fiha kellu jkun qiegħed iġorr u jittrasporta l-borża mimilja b'dawn l-elf pillola ecstasy li kien xtara

qabel. It-termini tal-bejgħ tal-pilloli ecstasy kienu ġew miftehma u konklużi mill-akkużat, b'mod li huwa kien ser ibiegħhom għall-prezz ta' Lira u sittin ċenteżmu Maltin (ekwivalenti għal-tliet euro tnejn u sebgħin ċenteżmi (€3.72) l-waħda). Minn dan il-prezz, Robert Cilia kellu jitħallas Liri Maltin (Lm100) ekwivalenti għal ċirka mitejn tnejn u tletin Euro u disgħin ċenteżmu (€232.90) bħala s-sehem ta' Robert Cilia minn dan in-negozju ta' bejgħ ta' pilloli ecstasy filwaqt li Jeffrey Zammit kellu jżomm il-kumplament tal-prezz imħallas lilu u magħmul minn dan il-bejgħ tal-pilloli ecstasy għalih bħala sehemu mill-istess qliegħ tan-negozju tad-droga ecstasy hawn fuq imsemmija.

Robert Cilia fil-fatt saq lejn il-Marsa, flimkien mal-mara tiegħu Pauline Ruth Cilia, bil-karozza misjuqa minnu Fiat Uno ta' kulur iswed bin-numru tar-reġistrazzjoni IAZ-821. L-akkużat iltaqa' ma' Robert Cilia u l-mara tiegħu il-Marsa u rikeb fil-karozza Fiat Uno hawn fuq imsemmija misjuqa minn Robert Cilia. Kif rikeb, Jeffrey Zammit assikura ruħu ma Robert Cilia li dan tal-aħħar kien qiegħed iġorr u jittrasporta l-pilloli ecstasy miegħu fil-karozza u tah struzzjonijiet sabiex isuq lejn in-Naxxar, fejn hemmhekk indikalu car park li tinsab fit-triq viċin ta' fejn kien hemm it-Trade Fair Grounds, fin-Naxxar. Hemmhekk l-akkużat Jeffrey Zammit kellu jiltaqgħa ma din il-persuna li riedet tixtri dawn il-pilloli ecstasy u hemmhekk issir il-konsenja ta' dawn il-pilloli ecstasy lil din il-persuna. L-akkużat assigura wkoll lil Robert Cilia biex iħalli kollox f'idejh u dan senjatament sabiex, wara li jkun ikkonsenjahom, provdihom u ddistribwihom lil din il-persuna u huwa jkun irċieva l-flus rappreżentanti l-prezz ta' dawn il-pilloli mingħand din il-persuna, Jeffrey Zammit kellu jħallas lil Robert Cilia s-somma flus rappreżentanti s-sehem ta' Robert Cilia minn dan in-negozju ta' bejgħ ta' pilloli ecstasy.

Iżda b'xorti tajba, il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni relatata ma' dawn l-operazzjonijiet illegali li kienu ser isiru fin-Naxxar dakinhar u hekk kif l-akkużat, Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia ipparkjaw il-karozza fejn kien indikat l-akkużat, marru l-Pulizija li kienu qed isegwu din l-operazzjoni fuqhom u talbuhom sabiex jinżlu mill-karozza. Fuq il-post u aktar tard fl-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar kienet saret tfitxija fuq il-persuna ta' dawn it-tlieta minn nies u fuq il-persuna ta' Robert Cilia instabet borża tal-karti kannella li fiha kien hemm borża oħra li kienet tal-plastic trasparenti u fiha kien hemm dak, li wara irriżulta konfermat minn analizi u ezamijiet xjentifici li saru mill-esperti maħtura mill-Qorti bħala elf pillola li fihom kien hemm is-sustanza mCPP (li kellhom lewn abjad u b'logo ta' tulipan fuqhom).

L-imsemmi Jeffrey Zammit ma kienx liċenzjat skont il-liġi biex ibiegħ jew jitraffika mediċina psikotropika u/jew ristretta f'Malta. Is-sustanza mCPP (*ecstasy*) hija kontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-Sustanza mCPP hija klassifikata bħala mediċina psikotropika imsemmija fit-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha u hija ritenuta mediċina ristretta skont l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22/1985).

Illi b'għemilu, l-imsemmi Jeffrey Zammit sar ħati talli fil-25 ta' Mejju 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi Jeffrey Zammit talli fil-25 ta' Mejju 2008 u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni; jitlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċentezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B), 120B, 121A u fit-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolament 2 u l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985), u fl-artikoli 22(3A)(3B)(7), 22A, 22B, 22C, 22D, 22E, 27, 28, 29 u 30 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Wara illi l-avukat ġenerali fit-tieni kap ippremetta:-

2. Illi fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att t'akkuża, u ċioe f'dawn il-Gżejjer Maltin, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġimgħat ta' qabel, l-akkużat Jeffrey Zammit (aktar l-isfel magħruf bħala l-"akkużat") iddeċieda li **jibda jmexxi, jbiegħ, jipprokura, jforni u jittraffika l-mediċina psikotropika u ristretta 1-(3-chlorophenyl)piperazine magħrufa bħala mCPP, (hawn aktar l-isfel magħrufa bħala droga "ecstasy" jew "mCPP" skont il-każ).**

Illi f'dan iż-żmien aktar il-fuq imsemmi, Robert Cilia kien xtara madwar elf (1000) pillola tal-mediċina psikotropika u ristretta mCPP mingħand persuna ta' nazjonalita barranija u għalihom kien ħallas Lira Maltija (Lm1) (ekwivalenti għal żewġ ewro tnejn u tletin ċenteżmu u disa' (€2.329)) għal kull pillola. Sussegwentement Robert Cilia u l-akkużat kienu ftehmu u qablu li dawn il-pilloli ecstasy kellhom jinbiegħu lil terzi persuni. Jeffrey Zammit offra li jsib persuna li tkun trid tixtri dawn il-pilloli bi prezz ogħla minn dak li kien ħallas għalihom Robert Cilia, offra li jkun hu li jagħmel kuntatt magħha kif ukoll li ta' lil Robert Cilia informazzjoni li kienet intiża sabiex twassal għax-xiri ta' dawn il-pilloli ecstasy mingħand terza persuna li magħha l-akkużat kien f'kuntatt dirett. L-akkużat kellu jbiegħ dawn il-pilloli lit-terza persuna magħrufa minnu għall-prezz ta' Lira u sittin ċenteżmu Maltin (ekwivalenti għal-tliet euro tnejn u sebgħin ċenteżmi (€3.72) l-waħda). Minn dan il-prezz, Robert Cilia kellu jitħallas Liri Maltin (Lm100) ekwivalenti għal ċirka mitejn tnejn u tletin Euro u disgħin ċenteżmu (€232.90) bħala s-sehem ta' Robert Cilia minn dan in-negozju ta' bejgħ ta' pilloli ecstasy. Jeffrey Zammit kellu jżomm il-kumplament tal-prezz imħallas lilu u magħmul minn dan il-bejgħ tal-pilloli ecstasy għalih bħala sehemu mill-istess qliegħ tan-negozju tad-droga ecstasy hawn fuq imsemmija.

Fil-fatt nhar il-25 ta' Mejju 2008 għal xil-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu, l-akkużat ċempel lil Robert Cilia u qallu li kien sab il-bejgħ ta' dawn il-pilloli ecstasy lil persuna li kellu jiltaqa' magħha n-Naxxar. Robert Cilia ġarr u trasporta miegħu fil-karozza misjuqa minnu il-borża bl-elf pillola ecstasy fiha u flimkien ma martu Pauline Ruth Cilia saq il-karozza lejn il-Marsa, fejn iltaqgħa mal-akkużat ħdejn is-Salib tal-Marsa. Kif rikeb, Jeffrey Zammit assikura ruħu ma Robert Cilia li dan kien qiegħed iġorr u jittrasporta l-pilloli ecstasy miegħu fil-karozza u tah l-informazzjoni li l-akkwirent tad-droga kien ser jitlaqa miegħu in-Naxxar. L-akkużat ta struzzjonijiet lil Robert Cilia sabiex isuq lejn in-Naxxar, fejn indikalu wkoll li riedu jsuq lejn car park li tinsab fit-triq viċin ta' fejn kien hemm it-Trade Fair Grounds, fin-Naxxar. Hemmhekk l-akkużat Jeffrey Zammit kellu jiltaqgħa ma din il-persuna li riedet tixtri dawn il-pilloli ecstasy u hemmhekk kellha ssir il-konsenja ta' dawn il-pilloli ecstasy lil din il-persuna. L-akkużat assigura wkoll lil Robert Cilia biex iħalli kollox f'idejh u dan senjatament sabiex, wara ikun ikkonsenjahom, provdihom u ddistribwihom lil din il-

persuna u huwa jkun irċieva l-flus rappreżentanti l-prezz ta' dawn il-pilloli mingħand din il-persuna, Jeffrey Zammit kellu jħallas lil Robert Cilia somma flus rappreżentanti s-sehem ta' Robert Cilia minn dan in-negozju ta' bejgħ ta' pilloli ecstasy.

Iżda b'xorti tajba, il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni relatata ma' dawn l-operazzjonijiet illegali li kienu ser isiru fin-Naxxar dakinhar u hekk kif l-akkużat, Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia ipparkjaw il-karozza fejn kien indikat l-akkużat, marru l-Pulizija li kienu qed isegwu din l-operazzjoni fuqhom u talbuhom sabiex jinżlu mill-karozza. Fuq il-post u aktar tard fl-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar kienet saret tfitxija fuq il-persuna ta' dawn it-tlieta minn nies u fuq il-persuna ta' Robert Cilia instabet borża tal-karti kannella li fiha kien hemm borża oħra li kienet tal-plastic trasparenti u fiha kien hemm dak, li wara irriżulta konfermat minn analizi u ezamijiet xjentifici li saru wara minn esperti forensici maħtura mill-Qorti bħala elf (1000) pillola li fihom kien hemm is-sustanza mCPP (li kellhom lewn abjad u b'logo ta' tulipan fuqhom).

L-imsemmi Jeffrey Zammit ma kienx liċenzjat skont il-liġi biex ibiegħ jew jitraffika mediċina psikotropika u/jew ristretta f'Malta. Is-sustanza mCPP (*ecstasy*) hija kontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-Sustanza mCPP hija klassifikata bħala mediċina psikotropika imsemmija fit-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha u hija ritenuta mediċina ristretta skont l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22/1985).

Illi b'għemilu, l-imsemmi Jeffrey Zammit sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura l-mediċina psikotropika u ristretta mCPP, komunement magħrufa wkoll bħala droga "ecstasy", lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni speċjali għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni, jew għal manifattura, xiri, bejgħ, użu jew pussess maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Jeffrey Zammit li rrenda ruħu ħati talli fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġimgħat ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer,

forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura l-mediċina ristretta u psikotropika mCPP, komunement magħrufa wkoll bħala droga "ecstasy", lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni speċjali għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni, jew għal manifattura, xiri, bejgħ użu jew pussess maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini; u jitlob li Jeffrey Zammit jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax il-perjodu u multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċentezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B)(9), 120B, 121A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2, 3, 4, 5, 11 u l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985), u fl-artikoli 22(3A)(3B)(7), 22A, 22B, 22Ċ, 22D, 22E, 27, 28, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Wara illi l-avukat ġenerali fit-tielet kap ippremetta:-

3. Illi matul ix-xahar ta' Novembru 2007 u matul ix-xhur preċedenti, l-akkużat Jeffrey Zammit kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina. L-akkużat kien fil-pussess ta' din id-droga f'diversi postijiet f'dawn il-Gżejjer u kien ukoll jabbuża minnha. Fil-fatt meta nhar is-26 ta' Mejju 2008 kien mitkellem mill-Pulizija wara li kien arrestat in konnessjoni mas-sejba tad-droga mCPP imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, l-akkużat irrilaxxja stqarrija fejn, (wara li kien imwissi mill-Ispettur tal-Pulizija, skont il-Liġi fis-seħħ f'dak iż-żmien, li huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq jitkellem, imma dak li jgħid jista' jinġieb bi prova) huwa stqarr li l-aħħar darba li kien abbuża mid-droga kokajina kien sebgħa xhur ta' qabel.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jeffrey Zammit sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi Jeffrey Zammit talli matul ix-xahar ta' Novembru 2007 u matul ix-xhur preċedenti, f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;  jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), fir-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939) u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Wara illi l-avukat ġenerali fir-rabà kap ippermetta:-

4. Illi fil-25 ta' Mejju 2008 u matul ix-xhur preċedenti, f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat Jeffrey Zammit kellu fil-pussess tiegħu id-droga raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*. L-akkużat kien fil-pussess ta' din id-droga f'diversi postijiet f'dawn il-Gżejjer fosthom fir-residenza li kellu f'Cospicua u kien ukoll jabbuża minn din id-droga.

Fil-fatt nhar il-25 ta' Mejju 2008 kienet saret prekwiżizzjoni fir-residenza tal-akkużat ta' dak iż-żmien ċioe fi 12A, Kwartieri San Nikola, Cospicua fejn instab pakkett tas-sigaretti tal-marka "Royals" li fih kien hemm pakkett tal-karti "Rizla" flimkien ma speċi ta' loqma ta' sigarett u farka ta' sustanza kannella, li wara eżami magħmul mill-espert maħtur mill-Qorti irriżulta li din l-ispeċi ta' loqma kienet "roach" ossija dak li jifdal minn joint wara li dan ikun ġie mpejjep. Fil-fatt din is-sustanza kannella irriżultat li kienet raża meħuda mill-pjanta *cannabis* u l-piż tagħha kien ta' 0.073 grammi.

Inoltre, meta nhar is-26 ta' Mejju 2008 l-akkużat kien mitkellem mill-Pulizija wara li kien arrestat in konnessjoni mas-sejba tad-droga mCPP imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, l-akkużat irrilaxxja stqarrija fejn, (wara li kien imwissi mill-Ispettur tal-Pulizija, skont il-Liġi fis-seħħ f'dak iż-żmien, li huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq jitkellem, imma dak li jgħid jista' jinġieb bi prova) huwa stqarr li l-aħħar darba li kien abbuża mid-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis kien is-sibt ta' qabel ċioe nhar il-24 ta' Mejju 2008.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Jeffrey Zammit sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża li fit-total kien jammonta għal piż totali komplessiv ta' 0.073 grammi u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Jeffrey Zammit ħati talli kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi; u jitlob għalhekk illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax (12) il-xahar iżda mhux iżjed minn għaxar (10) snin kif ukoll multa ta' mhux anqas minn erba' mija ħamsa u sittin Euro sebgħa u tmenin ċenteżmi iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf, mitejn tlieta u disgħin Euro tlieta u sebgħin ċenteżmu flimkien mal-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 22(1)(a)(2)(a)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha tal-każ, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konġunt tal-avukat ġenerali u l-akkuzat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-sebà (7) ta' Marzu, tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn l-esponenti msemmija, konġuntivament, filwaqt li ddikjaraw li qegħdin jaqblu fit-termini ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Jeffrey Zammit għall-akkużi miġjuba kontrih fl-Att ta' Akkuża ċitat, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda ta' **priġunerija effettiva għal perjodu ta' tmien (8) snin, u multa ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000)**, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9, 31, u 101 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli u immobbli appartenenti lill-istess akkużat.

Illi strettament għal kull buon fini l-esponenti jiddikjaraw li f'dan il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 ma japplikawx.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Għaldaqstant, fuq ammissjoni tal-akkużat, din il-Qorti, ssib lil Jeffrey Zammit ħati talli:-

1. Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġranet u ġimgħat preċedenti assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni;

2. Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġimgħat ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura l-mediċina ristretta u psikotropika mCPP, komunement magħrufa wkoll bħala droga "ecstasy", lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni speċjali għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni, jew għal manifattura, xiri, bejgħ użu jew pussess maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini;

3. Matul ix-xahar ta' Novembru 2007 u matul ix-xhur preċedenti, f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939

għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

4. Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-ġimgħat ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi;

Ikkusidrat,

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie ffurmat il-ġuri, li però ma tistax titqies bħala waħda bikrija, għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir- rigward tal-piena inflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l- Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il- BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Għaldaqstant, il-Qorti, f'dan il-każ tħoss li għandha taderixxi mat-talba konġuntiva magħmula mill-partijiet ai termini tal-artikolu 435A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li rat l-artikoli tal-liġi, senjatament:

L-artikoli 40A, 120A(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B), 120B, 121A u fit-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta), ir-regolament 2, 3, 4, 5, 11 u l-ewwel skeda tar-

Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985), ir-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939), l-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(3A)(3B)(7), 22A, 22B, 22Ċ, 22D, 22E, 24A, 26, 27, 28, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali (Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tikkundanna lil ħati, Jeffrey Zammit ghal piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' tmien (8) snin, u multa ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000) kif ukoll li jħallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u tmien ewro u ghoxrin centezmu

(€ 2,608.20) rappreżentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-ħati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jitħallsux fi zmien ħmistax il-jum mil-llum, jiġu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-avukat ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax il-jum mil-llum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-assistent reġistratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-deputat reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w jġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------